



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 14 ta' Frar 2014
(OR. en)**

17874/13

LIMITE

**PV/CONS 68
AGRI 859
PECHE 626**

ABBOZZ TA' MINUTI¹

Suġġett: **It-3285** laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (**AGRIKOLTURA U SAJD**) li saret fi Brussell fis-16 u s-17 ta' Diċembru 2013

¹ L-informazzjoni dwar deliberazzjonijiet legiſlattivi tal-Kunsill, dwar deliberazzjonijiet oħrajn tal-Kunsill miftuħin għall-pubbliku u dwar dibattiti pubbliċi tinstab fl-Addendum 1 għal dawn il-minuti.

WERREJ

Pàġna

1.	Adozzjoni tal-aġenda proviżorja	3
----	---------------------------------------	---

SAJD

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

2.	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar l-Iswed.....	3
3.	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE	3

AGRIKOLTURA

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

4.	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi [L-ewwel qari]	4
----	---	---

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

5.	Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"	4
----	---	---

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

6.	Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"	4
7.	Affarijiet oħra	7

ANNES - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	12
--	----

*

* *

1. **Adozzjoni tal-aġenda**

17569/13 OJ CONS 68 AGRI 835 PECHE 612

Il-Kunsill adotta l-aġenda msemmija hawn fuq.

SAJD

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATIVI

2. **Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar l-Iswed**

(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 43.3 tat-Trattat dwar l-UE)

– Qbil politiku

16675/13 PECHE 556

+ REV 1 (bg,da,de,et,es,fr,fi,hu,it,lv,lt,mt,nl,pl,pt,ro,sl,sk)

17212/13 PECHE 591

Il-Kunsill laħaq qbil politiku b'mod unanimu. Il-Kunsill qabel li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament tal-Kunsill.

3. **Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE**

(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 43.3 tat-Trattat dwar l-UE)

– Qbil politiku

15299/13 PECHE 478

+ REV 1 (de,nl,es,pt,cs,lt,pl,bg,hr)

17772/13 PECHE 623

Il-Kunsill laħaq qbil politiku b'mod unanimu. Il-Kunsill qabel li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament tal-Kunsill.

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

4. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u f'pajjiżi terzi [L-ewwel qari]

Fajl Interistituzzjonali: 2013/0398 (COD)

– Preżentazzjoni mill-Kummissjoni

16591/13 AGRI 769 AGRIFIN 195 AGRIORG 170 CODEC 2667

+ ADD 1

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mir-rappreżentant tal-Kummissjoni tal-proposta għal Regolament dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u f'pajjiżi terzi, kif jinsab fid-dokument 16591/13, tal-kummenti tad-delegazzjonijiet, u tat-tweġiba għalihom mir-rappreżentant tal-Kummissjoni. Il-Kunsill ta l-mandat lill-korpi preparatorji tiegħu sabiex ikomplu bl-eżami tal-proposta.

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

5. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"

17575/13 PTS A 92

Il-Kunsill approva l-lista ta' punti "A" elenkati fid-dok. 17575/13.

Id-dikjarazzjonijiet rigward dawn il-punti jinsabu fl-Anness.

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

6. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"

17574/13 PTS A 91

+ ADD 1

Il-Kunsill approva l-punti "A" elenkati fi:

1) 17574/13

Id-dokumenti fil-punt 7 għandhom jaqraw kif ġej:

Punt 7: 17294/13 CODEC 2820 FSTR 163 FC 98 REGIO 300 SOC 1014
AGRISTR 150 PECHE 596 CADREFIN 345
+ **COR 1**
+ ADD 1
+ **ADD 1 COR 1**
+ ADD 2
+ ADD 3
PE-CONS 85/13 FSTR 96 FC 56 REGIO 185 SOC 665 AGRISTR 97
PECHE 364 CADREFIN 223 CODEC 1966
+ COR 1 (it)

2) 17574/13 ADD 1:

15. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda ċerti Regolamenti relatati mal-politika kummerċjali komuni fir-rigward tal-proċeduri għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri (OMNIBUS I) [L-ewwel qari] (AL + D)
- Dikjarazzjonijiet
 - = qbil li jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet fil-minuti tal-Kunsill
 - = deċiżjoni li jiġu ppubblikati d-dikjarazzjonijiet fil-Ġurnal Uffiċjali 17823/13 CODEC 2970 COMER 291 WTO 349 COWEB 186 USA 68 ACP 215 COEST 406 NIS 86 SPG 23 UD 335
 - + ADD 1
- approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-16.12.2013
16. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda ċerti regolamenti relatati mal-politika kummerċjali komuni fir-rigward tal-ġhoti ta' setgħat iddelegati għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri (OMNIBUS II) [L-ewwel qari] (AL + D)
- Dikjarazzjonijiet
 - = qbil li jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet fil-minuti tal-Kunsill
 - = deċiżjoni li jiġu ppubblikati d-dikjarazzjonijiet fil-Ġurnal Uffiċjali 17825/13 CODEC 2971 COMER 292 WTO 350 COWEB 187 USA 69 ACP 216 COEST 407 NIS 87 SPG 24 UD 336 STIS 6 DEVGEN 346 SAN 526
 - + ADD 1
- approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-16.12.2013
17. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 [L-ewwel qari] (AL + D)
- 17682/13 CODEC 2938 AGRI 844 AGRIFIN 210
- + **COR 1 (sk)**
 - + ADD 1
- PE-CONS 95/13 AGRI 637 AGRIFIN 154 CODEC 2209
- + **COR 1 (da)**
- approvat mill-KSA fis-16.12.2013

18. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 [L-ewwel qari] (AL + D)
- Adozzjoni tal-att leġislattiv
16967/13 CODEC 2751 AGRI 793 AGRIFIN 200 AGRIORG 172
+ ADD 1 REV 1
PE-CONS 96/13 AGRI 638 AGRIFIN 155 AGRIORG 128 CODEC 2211
approvat mill-KSA fis-16.12.2013
19. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 [L-ewwel qari] (AL+D)
- Adozzjoni tal-att leġislattiv
17683/13 CODEC 2939 AGRI 845 AGRISTR 155
+ ADD 1
PE-CONS 93/13 AGRI 624 AGRISTR 113 CODEC 2187
approvat mill-KSA fis-16.12.2013
20. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 [L-ewwel qari] (AL+D)
- Adozzjoni tal-att leġislattiv
17684/13 CODEC 2940 AGRI 846 AGRISTR 156 AGRIORG 177
+ ADD 1
+ ADD 2 REV 1
PE-CONS 94/13 AGRI 625 AGRISTR 114 AGRIORG 126 CODEC 2188
approvat mill-KSA fis-16.12.2013
21. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżitorji dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), u li jemenda r-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-riżorsi u d-distribuzzjoni tagħhom fir-rigward tas-sena 2014 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru .../2013, (UE) Nru .../2013 u (EU) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom fis-sena 2014 [L-ewwel qari] (AL+D)
- Adozzjoni tal-att leġislattiv
17685/13 CODEC 2941 AGRI 847 AGRIFIN 211 AGRISTR 157 AGRIORG 178
+ ADD 1
PE-CONS 103/13 AGRI 675 AGRIFIN 170 AGRISTR 129 AGRIORG 143
CODEC 2325
approvat mill-KSA fis-16.12.2013

Id-dettalji dwar l-adozzjoni ta' dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

7. Affarijiet oħra

(a) **Konsultazzjonijiet tal-Istati Kostali dwar il-kavalli**

- Informazzjoni mill-Kummissjoni
17568/13 PECHE 611

Fil-kuntest tad-diskussjonijiet dwar l-adozzjoni tal-qabdiet totali permissibbli (TACs) u l-kwoti annwali, il-Kummissjoni tat aġġornament dwar l-aħħar żviluppi fin-negozjati multilaterali mal-Islanda, il-Gżejjer Faeroe u n-Norveġja fir-rigward tat-tilwim li għaddej dwar il-kavalli. Minkejja l-isforzi politiċi konsiderevoli min-naħa tal-UE, ma ntlaħaq l-ebda qbil immedjat. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tkompli bl-isforzi diplomatiċi, madankollu, mhux akkost ta' kollox, billi tenfasizza l-użu potenzjali tal-miżuri ta' kummerċ jekk is-sitwazzjoni tibqa' l-istess.

(b) **Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS)**

- Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Presidenza informat lill-Kunsill dwar il-progress li sar fin-negozjati intensi mal-Parlament Ewropew dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd. Filwaqt li membri tal-Kunsill ġew mistiedna juru l-flessibbiltà fir-rigward tal-mandat ta' negozjar rivedut, li l-Presidenza kellha tikseb fil-COREPER fil-jum ta' wara, il-Presidenza esprimiet l-intenzjoni tagħha li tikseb qbil politiku dwar il-proposta fl-aħħar trilogu tagħha tal-Ħamis 19 ta' Diċembru 2013 minħabba l-importanza li jintlaħaq qbil kemm jista' jkun malajr. Hija ħasset li din il-fehma kienet kondiviża wkoll mill-Parlament Ewropew.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni qabel mal-ħtieġa li jintlaħaq qbil l-aktar kmieni possibbli. Hija għarfet il-ħtieġa għall-flessibbiltà u enfasizzat il-kwistjonijiet ta' sostituzzjoni ta' magna u x-xewqa tal-Parlament Ewropew li jara allokazżjonijiet akbar għall-kontrolli u l-ġbir ta' data. Hija, madankollu, wissiet li l-persjoni ta' żmien m'għandhiex tinkludi qbil akkost ta' kollox.

Filwaqt li appoġġat il-fehma li għandu jintlaħaq qbil kmieni kemm jista' jkun, id-delegazzjoni Latvjana fakkret il-problema tagħha fir-rigward tal-użu tad-definizzjoni ta' SMEs li teskludi ċerti ditti Latvjani b'aktar minn 750 impjegat iżda inqas minn EUR 200 miljun f'fatturat annwali.

Id-delegazzjoni Spanjola qablet li tkun flessibbli, iżda insistiet li tinżamm l-għajnuna finanzjarja f'każ li ma jiġġeddux il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd jew il-protokollu għalihom.

Id-delegazzjoni Bulgara u dik Rumena fakkru l-problema serja tagħhom bil-kriterju ta' allokazżjoni "assorbiment ta' fondi" fl-Artikolu 17 li ma kienux ħallewhom jappoġġaw l-Approċċ Ġenerali.

Il-prijoritajiet ewlenin għad-delegazzjoni Belġjana kienu fond li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-PKS u li jitqiesu fl-otot żgħar fis-sajd imħallat. Hemm il-ħtieġa għal anqas burokrazija u enfasi fuq is-sajd u l-akkwakultura sostenibbli.

Id-delegazzjoni Pollakka ma appoġġatx iż-żidiet drastiċi fil-fondi għall-kontrolli u l-ġbir ta' data kif propost mill-Parlament Ewropew, iżda appoġġat l-idea tiegħu ta' flessibilità bejn id-diversi kapitolli. Hija opponiet kwalunkwe tnaqqis ta' potenza li huwa aktar minn 20% fir-rigward ta' sostituzzjonijiet ta' magni.

Id-delegazzjoni Estonjana kienet tal-istess fehma fir-rigward ta' tnaqqis ta' potenza tal-magna għal raġunijiet ta' sikurezza, iżda ssuġġeriet li jitqies it-tnaqqis ta' potenza fir-rigward ta' gruppi ta' bastimenti kif kien il-każ taħt il-Fond Ewropew għas-Sajd.

Id-delegazzjoni Françiza hassiet li kien essenzjali li jintlaħaq qbil tajjeb qabel tmiem is-sena. Hija kienet tal-fehma li l-FEMS għandu jkun ta' benefiċċju għas-segmenti kollha tal-flotta u jinkludi għajjnuna għal sajjieda żgħażaġh, iċ-ċessjoni temporanja u n-nuqqas ta' tiġdid tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd jew il-protokollu għalihom. Hija enfasizzat il-ħtieġa li jkun assigurat biżżejjed finanzjament sabiex jiġu żviluppati r-reġjuni ultraperiferiċi. Bħal oħrajn hija appoġġat anqas burokrazija u tista' taqbel mat-trasferiment ta' ammont moderat ta' ġestjoni diretta għal waħda kondiviża.

Id-delegazzjoni tar-Renju Unit hassiet li l-approċċ ġenerali stabbilixxa sett tajjeb ta' prioritajiet u appoġġat li wieħed jibqa' qrib kemm jista' jkun tiegħu fir-rigward tat-tħassib ewlieni tagħha, jiġifieri s-sostituzzjoni ta' magna u ċ-ċessjoni temporanja.

Id-delegazzjoni Daniża appoġġat aktar finanzjament għal kontrolli u ġbir ta' data kif propost mill-Parlament Ewropew.

Il-Presidenza kkonkludiet li l-Kunsill ġie informat dwar in-negozjati u ħa nota tal-pożizzjonijiet espressi minn diversi delegazzjonijiet u l-Kummissjoni.

(c) Emenda possibbli tad-Direttiva tal-UE 2001/81/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi ("Direttiva NEC")

- Fuq talba tad-delegazzjoni Ġermaniża
17477/1/13 ENV 1176 AGRI 827 REV 1

Il-Kunsill ħa nota tat-talba mid-delegazzjoni Ġermaniża, appoġġata mid-delegazzjonijiet ta' ES, FI, FR, DK, IE, LV, LU u UK sabiex jibqgħu jiġu informati fuq bażi regolari dwar il-proċedimenti fir-rigward tal-proposta sabiex tiġi emendata d-Direttiva dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi.

(d) Riżultati tal-konsultazzjoni pubblika (biedja organika)

- Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
17375/13 AGRI 819 AGRILEG 170

Il-Kummissjoni informat lid-delegazzjoni dwar ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet pubbliċi dwar ir-reviżjoni tal-politika tal-UE dwar l-agrikoltura organika li saret mis-servizzi tagħha. Hija enfasizzat li l-biċċa l-kbira tar-risposti ġew minn ċittadini u konsumaturi tal-UE li indikaw l-aspettattivi kbar tagħhom dwar is-settur organiku. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni attwalment qed tiffinalizza rapport ta' valutazzjoni tal-impatt u reviżjoni tal-aspetti legali u politiċi tal-produzzjoni u l-biedja organika fl-Ewropa (inkluż pjan ta' azzjoni ġdid) li huwa previst għal Marzu 2014.

Diversi delegazzjonijiet enfasizzaw il-punti li ġejjin: għandhom jinżammu logos nazzjonali, il-kontrolli bbażati fuq ir-riskju għandhom ikunu aktar effiċjenti, piż mhux neċessarju għandu jitneħħa, ir-reviżjoni m'għandhiex tfixxkel il-kummerċ, is-selenju (organiku) għandu jkun awtorizzat fil-biedja organika u l-kummerċ maċ-Ċina għandu jiġi mhegġegħ f'dan is-settur.

Bħala intervent finali, il-Kummissjoni ċċarat il-punti li ġejjin: l-oġettiv tar-reviżjoni mhuwiex li ssir reviżjoni sħiħa tal-leġislazzjoni attwali u lanqas li jirrestrinġi l-użu ta' logos nazzjonali iżda li jsaħħaħ il-kontrolli, jipprova qafas ċar għall-operaturi, jwassal għat-tmiem tad-derogi jiżgura l-fiduċja tal-konsumaturi. Il-Kummissjoni kkonfermat ukoll li l-konklużjonijiet tal-Kunsill ippreżentati fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" fit-13-14 ta' Mejju 2013, kif jinsabu fid-dokument 8906/13, ser jiġu meqjusin, u li n-negozjati maċ-Ċina jinsabu għaddejnin b'rikonoxximent reċiproku tas-sistemi ta' kontrolli. Il-Kummissjoni kkonfermat ukoll li ser tindirizza l-kwistjoni dwar is-selenju saħansitra f'Jannar 2014.

(e) Konferenza dwar "Is-settur tal-prodotti tal-ħalib tal-UE: l-iżvilupp wara l-2015" (Brussell, 24 ta' Settembru 2013)

- Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
17713/13 AGRI 848 AGRIORG 179

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-eżitu tal-konferenza u tal-kummenti li saru minn diversi delegazzjonijiet.

(f) Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-każ għal skema ta' tikkettar tal-prodotti tal-biedja lokali u l-bejgħ dirett

- Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
17572/13 AGRI 836 AGRILEG 172 AGRIORG 176
+ ADD 1

Il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport tagħha. Hija enfasizzat li ma hemmx soluzzjoni definita u filwaqt li skema ħafifa ta' tikkettar tista' tkun utli, il-kwistjoni tehtiegħ aktar riflessjoni qabel ma titfassal proposta leġislattiva.

Xi delegazzjonijiet enfasizzaw li skema ta' tikkettar tista' ma tkunx meħtieġa u li fi kwalunkwe każ m'għandhiex timponi pressjoni fuq il-bejgħ.

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport tal-Kummissjoni u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

(g) Problema tas-settur tar-ross

- Mitluba mid-delegazzjoni Taljana, appoġġata mill-Bulgarija, il-Greċja, Spanja, Franza u l-Portugall
17559/13 AGRI 834

Il-Kunsill ħa nota tat-talba li saret mid-delegazzjoni Taljana kif tinsab fid-dokument 17559/13, appoġġata mill-Bulgarija, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Ungerija, il-Portugall u r-Rumanija, u kif ukoll tat-tweġiba mogħtija mir-rappreżentant tal-Kummissjoni.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru mir-rappreżentant tal-Kummissjoni dwar l-aspetti agrikoli tal-ftehim li ntlaħaq fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) tal-laqgħa ministerjali f'Bali fis-7 ta' Diċembru 2013.

(h) Sistema ta' tikkettar dwar in-nutrizzjoni "ibrida" rakkomandata f'xi Stati Membri

- Mitluba mid-delegazzjoni Taljana, appoġġata mid-delegazzjoni Kroata
16575/13 DANLEG 133 AGRI 768 SAN 464 COMPET 860 MI 1070
CONSOM 203

Id-delegazzjoni Taljana, bl-appoġġ tad-delegazzjonijiet ta' BG, BE, CY, CZ, EL, ES, FR, HR, HU, IE, LU, LV, PT, RO, SK u SI, ikkondividiet id-dubji tagħha dwar il-konformità legali u l-preċiżjoni tal-iskema ta' "dwal tat-traffiku" għat-tikkettar dwar in-nutrizzjoni, rakkomandata mir-Renju Unit. Il-prodotti li jinkludu dieti bbilanċjati tajjeb, rikonnoxxuti mill-iskemi ta' kwalità tal-UE, qegħdin fir-riskju li jkollhom tabella "ħamra".

B'mod partikolari, l-Italja talbet li l-Kummissjoni tivvaluta l-effetti tal-iskema dwar:

- iċ-ċirkolazzjoni libera ta' prodotti tal-ikel fi ħdan is-suq intern tal-UE;
- il-fatt li l-ikkodifikar bil-kulur tad-dwal tat-traffiku ma jgħinx lill-konsumaturi jifhmu l-kontribut tal-ikel u x-xorb għall-kontenut nutrittiv ta' dieta;
- is-salvagwardja ta' prodotti tal-ikel reġjonali tradizzjonali, li jkollhom marki ta' skemi ta' Kwalità tal-UE.

Id-delegazzjoni tar-Renju Unit, filwaqt li tenfasizza n-natura volontarja tal-iskema, fakkret li l-iskema ma tirrappreżentax ostakolu għall-kummerċ, ma tinkludi l-ebda diskriminazzjoni lejn prodotti speċifiċi, ma tikkawża l-ebda tfixkil għas-suq intern, peress li l-għan uniku tagħha hu li l-konsumaturi jkunu konxji mill-kontenut tal-ikel f'xaħam, xaħam saturat, zokkor, melħ u sabiex ikunu jistgħu jsiru għażliet informati.

Il-Kummissjoni fakkret li r-Regolament rigward l-Informazzjoni dwar l-Ikel għall-Konsumaturi jippermetti li jiġu żviluppati skemi volontarji differenti fuq il-parti ta' quddiem tal-imballaġġ tal-ikel, dment li l-kriterji definiti fir-Regolament jiġu rispettati. Il-Kummissjoni ser tħejji fi żmien debitu rapport dwar l-impatt ta' skemi bħal dawn fuq is-suq intern u dwar ir-rakkomandabbiltà ta' aktar armonizzazzjoni. Salvagwardji adegwati kontra skemi li jistgħu jgħolqu ostakoli "de facto" għall-kummerċ u li jistgħu jfixxlu l-funzjonament tas-suq intern jinsabu fis-seħħ. Il-Kummissjoni fakkret ukoll li l-awtoritajiet tar-Renju Unit taw l-assigurazzjonijiet li l-iskema ser tibqa' volontarja u ser tiġi sorveljata mill-qrib.

(i) Pakkett tal-Annimali, tal-Pjanti u tal-Kontroll: Regoli aktar intelliġenti għal ikel aktar sikur

- Rapport ta' progress mill-Presidenza
17654/13 AGRI 841 AGRIFIN 209 AGRILEG 173 ANIMAUX 40 CODEC 2928
DENLEG 153 PHYTOSAN 62 SAN 519 SEMENCES 41 VETER 122

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza u tal-kummenti li saru minn xi delegazzjonijiet.

(j) Aċċess tas-suq għall-Federazzjoni Russa dwar esportazzjonijiet mill-UE ta' pjanti u prodotti tal-pjanti

- Informazzjoni mill-Presidenza
17634/13 AGRI 838 SAN 517 PHYTOSAN 60

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza (17634/13) u t-tħassib relatat (appoġġat mid-delegazzjonijiet kollha), fir-rigward tal-projbizzjoni imposta mill-awtoritajiet Russi fuq esportazzjonijiet tal-UE ta' materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti, b'mod partikolari l-patata taż-żriġh.

Filwaqt li kienet tikkondividi l-fehmiet tal-Presidenza u tad-delegazzjonijiet, ir-Rappreżentant tal-Kummissjoni enfasizza li r-riżultati tad-diskussjonijiet tekniċi li għaddejjin bħalissa bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Russi juru li għad hemm lok sabiex jiġu diskussi aktar ir-rekwiżiti tal-importazzjonijiet Russi bil-ħsieb li tkun żgurata t-tneħħija tal-projbizzjoni minn dawn l-awtoritajiet.

DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-MINUTI TAL-KUNSILL

Rigward il-punt "A" nru 1: Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajjuniet u rifiżjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli - Adozzjoni

DIKJARAZZJONIJIET MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tqis li peress li r-riallokazzjoni tal-kwoti taz-zokkor taqa' taħt l-Artikolu 138 tar-Regolament dwar l-OKS unika, l-aġġustament ta' dawn il-kwoti għandu jaqa' taħtu wkoll."

"Il-Kummissjoni tikkonferma li, fil-kuntest tar-reviżjoni tal-iskemi tal-frott tal-iskejjel u tal-ħalib tal-iskejjel, hija biħsiebha teżamina l-għajnuna għad-distribuzzjoni tal-ħalib kif ukoll il-kofinanzjament tal-ispejjeż tal-iskema tal-frott tal-iskejjel, inkluż fil-gżejjer minuri tal-Eġew."

Rigward il-punt "A" nru 2: Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Gaboniża li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ partijiet - Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni żżomm il-pożizzjoni tagħha u hija għalhekk kontra l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi legali tal-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(6)a bl-Artikolu 43 (mingħajr ma jissemma l-paragrafu) flimkien mal-Artikolu 218(6)a."

Rigward il-punt
"A" nru 3:

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles - Adozzjoni

Rigward il-punt
"A" nru 4:

Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles - Adozzjoni

Rigward il-punt
"A" nru 5:

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles - Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni żżomm il-pożizzjoni tagħha u hija għalhekk kontra l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi legali tal-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(6)a bl-Artikolu 43 (mingħajr ma jissemma l-paragrafu) flimkien mal-Artikolu 218(6)a."

DIKJARAZZJONI MILL-PAJJIŻI L-BAXXI

"B'mod ġenerali, il-Pajjiżi l-Baxxi huma tal-opinjoni li s-sajd fil-qafas ta' ftehim ta' sħubija jikkostitwixxi garanzija aħjar għas-sostenibbiltà milli ftehimiet privati. Madankollu, il-Pajjiżi l-Baxxi jiddispjaċihom li l-protokoll mas-Seychelles ma fihx miżuri li jipproteġu l-klieb il-baħar u r-raj.

Qabdiet inċidentali ta' klieb il-baħar u ta' raj huma problema fis-sajd għat-tonn fl-Oċean Indjan.

Il-Pajjiżi l-Baxxi ser jastjenu mill-vot u jitolbu lill-Kummissjoni biex fil-Kumitat Konġunt telabora dwar miżuri li jipproteġu l-klieb il-baħar u r-raj."

Rigward il-punt
"A" nru 9:

Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal għal Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd u Protokoll ġdid - Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni ma tqis li hu meħtieġ li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati tindika bażi legali sostantiva."

DIKJARAZZJONI MILL-PAJJIŻI L-BAXXI

"Il-Pajjiżi l-Baxxi ser jivvutaw favur il-mandat għall-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tas-Senegal. Madankollu l-Pajjiżi l-Baxxi huma mħassba dwar l-impatt possibbli ta' protokoll ġdid dwar l-istokk tal-palamit. Sabiex tiġi vvalutata s-sostenibbiltà ta' protokoll ġdid hija meħtieġa valutazzjoni ġdida tal-istokk. Sadanittant il-protokoll għandu jiffoka fuq il-possibbiltajiet tas-sajd bil-qasab u x-xlief."

Rigward il-punt
"A" nru 11:

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ Partijiet - Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MID-DANIMARKA

"Id-Danimarka tenfasizza l-importanza tal-kontribut tal-UE għall-konservazzjoni tar-riżorsi u s-sostenibbiltà ambjentali billi s-sajd isir biss fuq riżorsi żejda u bil-prevenzjoni ta' sajd eċċessiv ta' stokkijiet skont il-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd. Id-Danimarka tfakkar fid-direttivi ta' negozjar stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2012 biex il-Kummissjoni tingħata mandat biex tiftaħ negozjati għal protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Marokk.

Id-Danimarka tqis li fit-test tal-protokoll mhuwiex iddokumentat biżżejjed li hija żgurata ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, speċjalment li s-sajd għandu jsir biss meta jkun hemm iż-żejjed. B'hekk, ġestjoni sostenibbli tidher li tiddependi b'mod sħiħ fuq ġestjoni tas-sajd fil-Marokk, il-miżuri ta' ġestjoni reġjonali u l-kollaborazzjoni bejn l-UE u l-Marokk.

Id-Danimarka tenfasizza wkoll li l-Unjoni għandha tippromwovi r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi meta tidħol fi ftehimiet bilaterali. Madankollu, dawn l-aspetti mhumiex iddikjarati b'mod ċar fil-Protokoll tal-Marokk bħal fil-protokolli l-oħra dwar is-sajd fil-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd.

Huwa ta' importanza kbira li tiġi rrispettata l-liġi internazzjonali, inkluż li r-riżorsi tas-sajd ikunu ta' benefiċċju għall-popolazzjoni lokali, inkluż fis-Sahara tal-Punent. Fl-opinjoni tad-Danimarka, il-konformità mal-liġi internazzjonali u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem jiddependu fuq l-implimentazzjoni konkreta tal-protokoll mill-awtoritajiet Marokkini.

Għal dawn ir-raġunijiet, id-Danimarka tivvota kontra l-proposti għall-iffirmar, il-konklużjoni tal-Protokoll il-ġdid u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd."

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA, L-AWSTRIJA U L-IRLANDA

"Il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda huma tal-opinjoni li l-proposti biex jiġġedded il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mar-Renju tal-Marokk jinkludu elementi li jindirizzaw tħassib li ġie espress qabel.

Il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda jagħtu importanza fundamentali lir-rispett tal-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll.

Fil-prinċipju, il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda jilqgħu l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet fil-Protokoll dwar il-kompiti ta' ppjanar u rappurtar tal-Marokk fir-rigward tad-distribuzzjoni reġjonali tal-fondi, speċjalment fir-rigward tal-benefiċċji ekonomiċi u soċjali mistennija u d-distribuzzjoni ġeografika ta' dawn il-benefiċċji.

Il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda jitolbu lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Kunsill b'mod komprensiv u regolari dwar ir-rendimenti li jaslu mill-popolazzjoni tas-Sahara tal-Punent b'riżultat tal-ftehim. Għandu jiġi żgurat li l-popolazzjoni Sahrawi tas-Sahara tal-Punent tingħata wkoll sehem adatt, u sehem li huwa konformi mal-interessi tagħha, fir-riżorsi finanzjarji li jirriżultaw mill-ftehim.

L-użu sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut huwa tal-ogħla prijetà għall-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda. Il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda jitolbu lill-Kummissjoni biex tiżgura li, fir-rigward tal-ġestjoni sostenibbli, isiru kontrolli regolari tal-istokkijiet u tal-opportunitajiet tas-sajd u li l-Kunsill jiġi infurmat bir-riżultati ta' dawn il-kontrolli kif meħtieġ.

L-iffirmar tal-Protokoll huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni li ilha ssostni l-UE rigward l-istatus tas-Sahara tal-Punent. F'dan l-isfond u fid-dawl tal-possibbiltajiet mogħtija skont l-Artikolu 8 tal-Protokoll, il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda jqisu li huwa aċċettabbli li l-Protokoll jiġi ffirmat."

DIKJARAZZJONI MILL-FINLANDJA

"Fir-rigward tal-Proposta għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ Partijiet u r-Regolament tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, il-Finlandja ma tistax tappoġġa d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill u r-Regolament, u tastjeni.

F'konformità mal-prinċipji tal-liġi internazzjonali, inkluż id-dritt għall-awtodeterminazzjoni, is-sovranià permanenti fuq riżorsi naturali u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, il-Finlandja tenfasizza l-ħtieġa li jitqiesu l-interessi u l-opinjoni tal-poplu fis-Sahara tal-Punent. Il-gwadann ekonomiku li jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-Protokoll għandu jkun ta' benefiċċju għall-poplu fir-reġjun tas-Sahara tal-Punent.

Il-Finlandja tqis li huwa essenzjali li l-Kummissjoni Ewropea tirrapporta fil-waqt u b'mod komprensiv lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll. F'dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni speċifika lill-proġetti magħżula fil-Kumitat Konġunt u lill-benefiċċji maħluqa minn dawn il-proġetti fir-reġjun tas-Sahara tal-Punent."

DIKJARAZZJONI MILL-PAJJIŻI L-BAXXI

"Il-Pajjiżi l-Baxxi vvalutaw li l-protokoll il-ġdid dwar is-sajd bejn l-UE u r-Renju tal-Marokk fuq tliet kriterji: il-konformità mal-liġi internazzjonali fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-protokoll fl-ibħra tat-territorju mhux awtonomu tas-Sahara tal-Punent, is-sostenibbiltà u l-profitt ekonomiku.

Liġi internazzjonali

Il-protokoll ma jirreferix b'mod espliċitu għas-Sahara tal-Punent, iżda jippermetti li jiġi applikat għal żoni marittimi li jmissu mas-Sahara tal-Punent li mhumix taħt is-sovranià jew il-ġurisdizzjoni tal-Marokk. Il-Marokk, bħala s-setgħa amministrattiva tas-Sahara tal-Punent, ma jistax jinjora l-interessi u x-xewqat tal-poplu tas-Sahara tal-Punent, meta japplika l-protokoll għal żoni marittimi bħal dawn. Il-Pajjiżi l-Baxxi jinnotaw li l-protokoll ma fih l-ebda dispożizzjoni li jiżguraw li l-awtoritajiet tal-Marokk ser jużaw l-ammont imħallas għall-aċċess għar-riżorsi f'konformità mal-obbligi tagħhom skont il-liġi internazzjonali li għandhom jingħataw lill-poplu tas-Sahara tal-Punent. Il-Pajjiżi l-Baxxi jikkunsidraw li, skont il-liġi nazzjonali, il-poplu tas-Sahara tal-Punent għandu jibbenefika minn sehem proporzjonat ta' dan l-ammont. Għaldaqstant, il-konformità mal-liġi nazzjonali tiddependi mill-implimentazzjoni tal-protokoll mill-awtoritajiet tal-Marokk.

Sostenibbiltà

Il-Pajjiżi l-Baxxi jilqgħu l-flessibbiltà fir-rigward tal-aġġustament tal-opportunitajiet tas-sajd u l-kumpens finanzjarju. L-Artikolu 3 tad-dokument jistabbilixxi b'mod ċar ir-rwol tal-Kunsill f'din il-proċedura. Madankollu, il-Pajjiżi l-Baxxi jitfgħu dubju fuq iż-żieda attwali fl-opportunitajiet tas-sajd għas-settur pelaġiku fid-dawl tal-pariri xjentifiċi disponibbli.

Profitt Ekonomiku

Il-Pajjiżi l-Baxxi jqisu li l-kategorija pelaġika tikkostitwixxi tmenin fil-mija tal-valur tal-protokoll. F'dan ir-rigward, il-Pajjiżi l-Baxxi jinsabu mħassba li l-aġġustamenti tal-kundizzjonijiet tekniċi għas-settur pelaġiku tal-UE ser ifixklu li jkun hemm ammont ottimu ta' possibbiltajiet tas-sajd.

B'mod ġenerali, il-Pajjiżi l-Baxxi huma tal-opinjoni li attività tas-sajd skont il-qafas ta' ftehim ta' sħubija tikkostitwixxi garanzija aħjar għas-sostenibbiltà minn ftehimiet privati. Madankollu, b'kont meħud ta' dan kollu ta' hawn fuq, il-Pajjiżi l-Baxxi ser jastjenu mill-votazzjoni kemm dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar kif ukoll dwar il-konklużjoni tal-protokoll."

DIKJARAZZJONI MILL-ISVEZJA

Spjegazzjoni tal-votazzjoni

"Għal xi żmien, l-Isvezja kienet qed tiddubita minn jekk il-ftehim ta' sħubija tal-UE dwar is-Sajd mal-Marokk huwiex kompatibbli mal-liġi internazzjonali. Billi s-Sahara tal-Punent mhix parti mit-territorju Marokkin, il-liġi internazzjonali titlob li r-riżorsi tas-sajd tagħha għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-poplu Sahrawi fis-Sahara tal-Punent u f'konformità mal-interessi u x-xewqat tagħhom.

L-Isvezja tinnota l-isforzi li għamlu l-Kummissjoni u l-Marokk biex tiġi garantita allokazżjoni aħjar tad-dħul mill-ftehim fir-reġjun. Minkejja li sar xi progress fid-direzzjoni t-tajba, il-fehma tal-Isvezja hija li l-bidliet li saru mhumiex biżżejjed biex jiġi żgurat li l-obbligi tal-liġi internazzjonali jiġu sodisfatti fir-rigward tal-poplu Sahrawi fis-Sahara tal-Punent.

Minħabba din il-valutazzjoni ġenerali, l-Isvezja ma tistax tappoġġa l-protokoll għal ftehim ta' sħubija dwar is-sajd u ser tivvota kontra t-tliet proposti relatati mal-protokoll il-ġdid, jiġifieri l-proposti dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-protokoll il-ġdid, u dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd."

DIKJARAZZJONI MIR-RENJU UNIT

"Ir-Renju Unit jirrikonoxxi li sar progress f'xi oqsma ta' tħassib mill-mandat ta' negozjar tal-2011 'l hawn biex jiġi estiż il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Marokk. Dan jinkludi l-ftehim mill-Unjoni Ewropea u l-awtoritajiet tal-Marokk għal rekwiżit ġdid biex jiġi rappurtat l-impatt ġeografiku tal-protokoll. Filwaqt li jirrikonoxxi li dawn huma passi fid-direzzjoni t-tajba, ir-Renju Unit xorta għadu mħasseb b'dan il-protokoll rigward il-valur għall-flus u s-sostenibbiltà tal-istokkijiet li għandhom jinqabdu.

Barra minn hekk, ir-Renju Unit jemmen li l-protokoll għandu jiċċara wkoll l-obbligi tal-Marokk, sabiex jiġi żgurat li l-poplu tas-Sahara tal-Punent jibbenefika minn dan il-protokoll b'mod adegwat. Għalhekk, ir-Renju Unit qed jastjeni dwar id-deċiżjonijiet għall-iffirmar u l-konklużjoni ta' dan il-Protokoll minħabba li dan ma jissodisfax b'mod sħiħ dan it-tħassib."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tenfasizza li l-kunsens tal-Parlament Ewropew ser ikun meħtieġ, ikun xi jkun il-każ, għall-konklużjoni tal-Protokoll ġdid dwar is-Sajd mal-Marokk u li, għalhekk, il-bażi legali materjali preċiża tal-Artikolu 43(2) TFUE kif kienet ipproponiet kienet l-aktar waħda adegwata frabta mal-bażi legali proċedurali tal-Artikolu 218(6)(a) u (7) tat-TFUE.

Madankollu, sabiex tiġi ffaċilitata konklużjoni rapida tal-Protokoll il-ġdid maħsub fiċ-ċirkustanzi attwalment prevalenti ta' urġenza, il-Kummissjoni ma topponix kompromess tal-Presidenza, li permezz tiegħu l-bażi legali tinbidel għall-"Artikolu 43 TFUE frabta mal-bażi legali proċedurali tal-Artikolu 218(6)(a) u (7) tat-TFUE", filwaqt li l-istess proċedura ta' kunsens għad trid tiġi applikata.

Dan bl-ebda mod ma għandu jikkostitwixxi preċedent."

Rigward il-punt "A" nru 32:

Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkomplementa l-Orizzont 2020 - Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)

DIKJARAZZJONI MIL-LUSSEMBURGU

"Il-Lussemburgu jagħraf l-importanza tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkomplementa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020, kif ukoll il-hteġa li ssir aktar enfasi fuq is-sikurezza nukleari, li jikkontribwixxu għal bidla fir-riċerka nukleari. Għalhekk il-Lussemburgu jilqa' t-test ta' kompromess filwaqt li madankollu jżomm l-attitudni kritika tiegħu rigward ir-riċerka nukleari inġenerali.

Madankollu, il-Lussemburgu jenfasizza li fil-ġejjieni, il-fondi Ewropej għar-riċerka u t-taħriġ għandhom ikunu aktar immirati lejn l-enerġija rinnovabbli.

Peress li l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) ma jagħtix bidu għal bidla bħal din lejn l-enerġija rinnovabbli, il-Lussemburgu ma jistax jaqbel miegħu fl-intier tiegħu u għalhekk jastjeni mill-vot."

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Il-Ġermanja taqbel mal-proposta sabiex jiġi evitat li tiġi imblokkata deċiżjoni dwar il-proposta tal-Presidenza. Il-proposta tal-Presidenza ma tiħux f'kunsiderazzjoni l-ħteġijiet addizzjonali fil-baġit, iżda l-Ġermanja temmen li l-ippeżar differenti tal-prijoritajiet huwa adatt fid-dawl tal-miżuri adottati fl-2011 wara Fukushima. L-abbozz attwali tar-Regolament ma jagħtix prijetà adegwata lir-riċerka fis-sikurezza nukleari u l-protezzjoni mir-radjazzjoni li tibqa' meħtieġa sabiex jittejbu kontinwament is-sikurezza u l-protezzjoni mir-radjazzjoni".

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni jiddispjaċiha għall-fatt li l-Kunsill ma żammx id-distribuzzjoni tal-baġit bejn it-tliet komponenti tal-programm Euratom, kif indikata fil-proposta tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2011.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni jiddispjaċiha li d-distribuzzjoni fit-test tal-Kunsill fiha proporzjon inqas għall-azzjonijiet diretti minn dik tal-proposta tal-Kummissjoni li kienet appoġġata bir-riżoluzzjoni leġislattiva adottata mill-PE fid-19 ta' Novembru 2013.

Is-sikurezza u s-sigurtà nukleari huma prijoritajiet importanti tal-politika tal-Unjoni Ewropea dwar l-enerġija. Ir-riċerka diretta tikkontribwixxi għad-definizzjoni tas-soluzzjonijiet maqbula b'mod komuni rigward is-sikurezza u s-sigurtà. L-ispiża biex jinżammu l-infrastrutturi tal-Euratom li jippermettu din ir-riċerka qiegħda tiżdied minħabba rekwiżiti tekniċi aktar stretti definiti mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali. Għalhekk, huwa importanti li jinżamm qafas finanzjarju adegwat għar-riċerka diretta."

**Rigward il-punt
"A" nru 40:**

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehimiet fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Commonwealth tal-Awstralja, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, il-Kanada, ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, ir-Repubblika tal-Indja u l-Ġappun skont l-Artikolu XXI tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) 1994, rigward il-modifiki tal-impenji fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea

- **Deċiżjoni dwar l-iffirmar**
- **Talba mill-Kunsill għall-kunsens tal-Parlament Ewropew**

DIKJARAZZJONI MILL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FI ĦDAN IL-KUNSILL

"Il-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2007, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill jaqblu li jiffirmaw il-Ftehimiet fil-forma ta' Skambju ta' Ittri mal-Commonwealth tal-Awstralja, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, il-Kanada, ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, ir-Repubblika tal-Indja u l-Ġappun skont l-Artikolu XXI tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) 1994, rigward il-modifiki tal-impenji fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI EWROPEA

"Il-Kummissjoni tafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha li l-kwistjonijiet kollha koperti mill-Ftehimiet jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni u li l-Ftehimiet għandhom jiġu ffirmati mill-Unjoni biss. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li hija għamlet proposta għal Deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 207 tat-TFUE. Hija ma pproponietx u għalhekk ma taqbilx li jiżdiedu bażijiet legali, b'mod partikolari l-Artikoli 91 u 100 tat-TFUE."